MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 553/2011

**Alfred WILLIAMS [K.I. Nru. 581651M]**

**vs**

**(1) John MIZZI [K.I. Nru. 246090M]**
**(2) Herman MIZZI [K.I. Nru. 343978M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti fis-6 ta’ Lulju, 2011** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta’ elf euro [€1,000] u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi skond skrittura privata datata tnax (12) ta’ Jannar tas-sena 2009, il-konvenuti ntrabtu li jwettqu xoghol ta’ tibjud fl-appartament numru 79, Triq il-Vittorja, l-Isla (ara Dok. A);

Illi fuq din l-imsemmija skrittura l-konvenuti rcevew is-somma ta’ elf euro (€1,000) minghand l-attur;

Illi l-konvenuti naqsu milli jonoraw l-iskrittura privata hawn fuq imsemmija u qatt ma wettqu l-ebda xoghol ta’ tibjid fil-fond hawn fuq imsemmi ghal liema xoghol huma kienu gja rcevew il-hlas tieghu;

Illi minkejja bosta nterpellazzjonijiet, fosthom ittra legali datata 30 ta’ Settembru 2010 sabiex l-ammont ta’ elf euro (€1,000) jithallas lura lill-attur il-konvenuti baqghu inadempjenti (ara Dok. B u Dok. C).

Bl-ispejjez”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimati gew debitament notifikati bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestawx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-13 ta’ Novembru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mir-rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-13 ta’ Novembru, 2012 u l-fatt li l-intimati naqsu li jidhru llum sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tar-rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimati, in solidum bejniethom, jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ elf euro [€1,000], bl-imghax jibda jiddekorri mit-tnax (12) ta’ Jannar tas-sena elfejn u disa (2009) u cioe d-data ta’ meta huma rcevew dan l-ammont ta’ elf euro (€1,000) minghand ir-rikorrent skond ma jirrizulta mill-iskrittura esebita mat-Talba a fol. 2 tal-process.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimati fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------